ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 353

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

28 ta' Diċembru 2010

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2010/C 353/01 | Komunikazzjoni interpretattiva mill-Kummissjoni dwar ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/58/KE | 1 |
| 2010/C 353/02 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5971 – PPC/Urbaser/JV) [1] ........ | 7 |
| 2010/C 353/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5957 – CD&R Fund VIII/Goldman Sachs/HGI) [1] ........ | 7 |
| 2010/C 353/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6002 – Intel/GE/JV) [1] ........ | 8 |
| 2010/C 353/05 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6074 – CEZ/EPH/Mibrag Group) [1] | 8 |
| 2010/C 353/06 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5961 – Bertrand Restauration/InBev France/Bars&Co) [1] ........ | 9 |
| 2010/C 353/07 | Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] ........ | 10 |


MT

Prezz: EUR 3

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2010/C 353/08 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/801/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire ........ 11

2010/C 353/09 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 ........ 12

2010/C 353/10 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 ........ 13

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 353/11 Rata tal-kambju tal-euro ........ 14

2010/C 353/12 Rata tal-kambju tal-euro ........ 15

2010/C 353/13 Rata tal-kambju tal-euro ........ 16

2010/C 353/14 Konferma tal-wasla – Avviż ta' qabel l-għeluq rigward għadd kbir ta' lmenti rreġistrati taħt ir-referenza Nru CHAP/2010/310 – Għadd kbir ta' ittri dwar ġestjoni kollettiva fi Spanja ........ 17

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2010/C 353/15 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat- Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ........ 18

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Komunikazzjoni interpretattiva mill-Kummissjoni dwar ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/58/KE

(2010/C 353/01)

### 1. DAĦLA

Din il-Komunikazzjoni Interpretattiva toħroġ il-fehmiet tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/58/KE tat-23 ta' Ottubru 2007 li tirregola l-ftuħ tas-suq għas-servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u li l-Istati Membri kellhom jagħmlu traspożizzjoni tagħha sal-4 ta' Ġunju 2009 ([1]). Il-ħtieġa ta' Komunikazzjoni bħal din ħarġet minn stħarriġ dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-persunal tal-Kummissjoni fi tmiem l-2009 u diskussjonijiet sussegwenti mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tas-settur ferrovjarju. F'dawn l-okkażjonijiet, il-korpi regolatorji ferrovjarji u l-ministeri tat-trasport talbu għal informazzjoni u gwida mill-Kummissjoni dwar kif għandhom jimplimentaw ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Din il-Komunikazzjoni għalhekk għandha l-għan li tiżgura li l-miżuri ta' traspożizzjoni adottati mill-Istati Membri jikkonformaw għal kollox mad-Direttiva.

Il-partijiet involuti qajmu żewġ kwistjonijiet ewlenin li huma ta' importanza kruċjali għall-ftuħ tas-suq internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri, billi għandhom impatt dirett fuq id-drittijiet għall-aċċess tal-infrastruttra mogħtija lill-impriżi ferrovjarji:

1. Kif jiġi ddeterminat jekk l-għan ewlieni ta' servizz ferrovjarju huwiex il-ġarr tal-passiġġieri li jkunu qed jivvjaġġaw fuq vjaġġ internazzjonali; u

2. Kif jiġi vvalutat jekk il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti tas-servizz pubbliku huwiex kompromess mis-servizz il-ġdid.

Din il-Komunikazzjoni hija limitata għal dawn iż-żewġ kwistjonijiet. Aspetti oħra tad-Direttiva 2007/58/KE jistgħu jiġu indirizzati sussegwentament, skont kif xieraq:

### 1. Kif jiġi ddeterminat l-għan ewlieni ta' servizz ferrovjarju

*Premessa 8*

L-introduzzjoni ta' servizzi ġodda internazzjonali b'aċċess miftuħ b'waqfiet intermedji m'għandhomx jintużaw biex iwasslu għall-ftuħ tas-suq għas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri, iżda għandhom sempliċiment ikunu ffukati fuq waqfiet li huma anċillari għar-rotta internazzjonali. Abbażi ta' dak, l-introduzzjoni tagħhom għandha tikkonċerna servizzi li l-għan prinċipali tagħhom hu li jġorr passiġġieri li jkunu qed jivvjaġġaw fuq vjaġġ internazzjonali. Id-determinazzjoni jekk dak huwiex l-għan prinċipali tas-servizz

([1]) Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji In-numerar tal-artikoli użat f'din il-Komunikazzjoni jirreferi għall-aħħar verżjoni konsolidata tad-Direttiva 91/440/KEE (l-att bażiku).

għandha tieħu kont ta' kriterji bħall-proporzjon ta' turnover, u ta' volum, li ġejjin mit-trasport ta' passiġġieri domestiċi jew internazzjonali, u t-tul tas-servizz. Din id-determinazzjoni għandha ssir mill-korp regolatorju nazzjonali rispettiv fuq talba tal-parti interessata.

*Artikolu 10(3)(a)*

Impriżi ferrovjarji fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 għandhom jingħataw, sal-1 ta' Jannar 2010, id-dritt tal-aċċess għall-infrastruttura fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi operat servizz ferrovjarju internazzjonali tal-passiġġieri. L-impriżi ferrovjarji għandhom, meta jkun qed jingħata servizz internazzjonali tal-passiġġieri, ikollhom id-dritt itellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon li jinsab fuq ir-rotta internazz-
jonali u jniżżluhom f'ieħor, inklużi stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru.

Id-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura tal-Istati Membri li għalihom is-sehem tat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-ferrovija jikkostitwixxi iktar minn nofs it-turnover tal-passiġġieri ta' impriżi ferrovjarji f'dak l-Istat Membru għandu jiġi garantit sal-1 ta' Jannar 2012.

Jekk l-iskop prinċipali tas-servizz hux it-trasport ta' passiġġieri bejn stazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri differenti għandu jkun determinat mill-korp jew kopri regolatorji relevanti msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE wara talba mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u/jew mill-impriżi tas-servizzi ferrovjarji interessati.

*Responsabbiltajiet*

L-Artikolu 10(3)(a) jistipula li l-korpi regolatorji weħidhom huma responsabbli għad-determinazzjoni ta' jekk l-għan ewlieni ta' servizz huwiex il-ġarr tal-passiġġieri bejn stazzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri differenti. Huma u jagħmlu dan, il-korpi regolatorji għandhom jaġixxu indipendentament. Dan jimplika li d-deċiżjoni tagħhom ma tistax tkun prekundizzjonata jew predeterminata minn struzzjonijiet li jkunu waslu minn kwaunkwe awtorità pubblika oħra skont il-liġi nazzjonali.

Skont l-Artikolu 10(3)(a) bosta korpi regolatorji jistgħu jkunu responsabbli għad-determinazzjoni tal-għan ewlieni ta' servizz f'każi speċifiċi. Dan jimplika li, meta l-attività ferrovjarja ta' bosta Stati Membri jaf jiġi effettwat minn kwalunkwe deċiżjoni potenzjali, ikollhom ikunu involuti fid-deċiżjoni żewġ korpi regolatorji jew aktar. Fid-dawl tan-natura internazzjonali tas-servizzi ferrovjarji in kwistjoni, huwa tal-akbar importanza li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet li għandhom impatt transkonfinali jkunu kkordinati kif xieraq mill-korpi regolatorji kkonċernati. Il-korpi regolatorji għandhom għalhekk sistematikament jinfurmaw lill-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra kkonċernati bis-servizz ferrovjarju in kwistjoni, u jpartu l-fehmiet preliminari tagħhom dwar jekk huwiex qed jintlaħaq ir-rekwiżit tal-għan ewlieni qabel ma jieħdu kwalunkwe deċiżjoni fil-kompetenza tagħhom.

*Il-proċess deċiżjonali*

L-Artikolu 10(3)(a) jistipula li l-korpi regolatorji jaġixxu wara talba mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u/jew impriżi ferrovjarji interessati. Dan jimplika li l-korpi regolatorji m'għandhomx jaġixxu fuq l-inizjattiva tagħhom, iżda biss wara talba minn waħda mill-partijiet interessati.

Meta l-impriżi ferrovjarji jitolbu aċċess għall-infrastruttura bil-għan li joperaw servizz internazzjonali tal-passiġġieri, wieħed jassumi li s-servizz huwa internazzjonali jekk il-ferrovija taqsam mill-inqas fruntiera waħda ta' Stat Membru, indipendentament minn jekk is-servizz jinkludix il-kabotaġġ. Il-korpi regolatorji għandhom jivverifikaw l-għan ewlieni ta' dan is-servizz, każ b'każ. L-"'impriżi ferrovjarji interessati" huma esklussivament dawk li jistgħu juru li s-servizzi il-ġdid jaf ikollu impatt potenzjali fuqhom. L-"awtoritajiet kompetenti" huma dawk responsabbli għall-għoti, il-limitar jew il-projbizzjoni tal-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja.

Sabiex ikun żgurat li jiġu osservati l-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-non-diskriminazzjoni, il-proċess deċiżjonali għandu jkun ċar, trasparenti u non-diskriminatorju. Għandu jiġu ppubblikat u jissejjes fuq konsultazzjoni mal-partijiet involuti u skambji ta' informazzjoni ma' korpi regolatorji oħra sabiex jiġi żgurat ambjent ekwu. Il-kalendarju u t-tul ta' proċess bħal dan għandu jqis il-ħtieġa li tiġi pprovduta lill-atturi kollha tas-suq ċertezza ġuridika biżżejjed sabiex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom. Il-proċedura trid tkun kemm jista' jkun sempliċi, effiċjenti u trasparenti u koerenti mal-proċess tal-applikazzjoni għall-allokazzjoni tal-binarju. Id-dettalji tal-proċess jistgħu jevolvu matul iż-żmien, l-aktar fid-dawl tal-esperjenza tal-korpi regolatorji.

*Kriterji*

L-Artikolu 10(3)(a) ma jiffissa ebda kriterju prestabbilit għad-determinazzjoni tal-għan ewlieni ta' servizz ferrovjarju. Madankolu, il-premessa 8 ssemmi tliet kriterji li l-kopri regolatorji jistgħu jqisu: il-proporzjon ta' turnover u tal-volum li jkun ġej mit-trasport ta' passiġġieri domestiċi u internazzjonali, u t-tul tas-servizz. Dawn il-kriterji msemmija biss bħala eżempji. Għalhekk mhumiex obbligatorji u jistgħu jitqiesu kriterji oħra.

Is-sett tal-kriterji għandu jistqarr ċarament il-fatturi li għandhom jitqiesu mill-korpi regolatorji waqt id-determinazzjoni tal-għan ewlieni tas-servizz. Għandhom jippermettu lill-korpi regolatorji jidentifikaw *il-vokazzjoni* tas-servizz għaż-żmien mezzan aktar milli l-karatteristiċi tiegħu f'waqt partikolari. Fl-evalwazzjoni għandu jkun hemm element ta' tbassir u għandhom jitqiesu bidliet gradwali probabbli tas-servizz u l-kundizzjonijiet tas-suq. Il-pjanijiet tan-negozju u t-tbassir tas-suq ipprovduti mill-impriża ferrovjarja li biħsiebha topera s-servizz il-ġdid huma bażi possibbli għal deċiżjoni.

Sabiex jiġi identifikat l-għan ewlieni tas-servizz, l-analiżi mill-korpi regolatorji trid tkun sew kwantitattiva sew kwalitattiva. Għalhekk mhuwiex possibbli li jiġi applikat strettament jew waħdu limitu kwantifikat. F'dan il-kuntest, il-mod kif is-servizz jiġi kkumerċjalizzat, ix-xejra tal-waqfien tiegħu u t-tip ta' vetturi ferrovjarji użati huma fatturi kwalitattivi li l-korpi regolatorji għandhom mnejn iqisu sabiex jiddeterminaw l-għan tas-servizz.

## 2. **Kif jiġi vvalutat jekk il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti tas-servizz pubbliku huwiex kompromess**

*Premessa 10*

Il-ftuħ ta' servizzi internazzjonali tal-passiġġieri, li jinkludu d-dritt li jittellgħu passiġġieri fi kwalunkwe stazzjon li jinsab fir-rotta ta' servizz internazzjonali u li jitniżżlu f'ieħor, inklużi l-istazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru, għal kompetizzjoni jista' jkollu implikazzjonijiet fuq l-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' servizzi ferrovjarji għal passiġġieri pprovduti taħt kuntratt ta' servizz pubbliku. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jillimitaw id-dritt għall-aċċess għas-suq fejn dan id-dritt ikun jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' dawn il-kuntratti ta' servizz pubbliku u fejn tingħata approvazzjoni mill-korpi regolatorji rilevanti msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE abbażi tal-analiżi ekonomika oġġett-
iva, wara talba mill-awtoritajiet kompetenti li għamlu l-għotja tal-kuntratti ta' servizz pubbliku

*Premessa 12*

Il-valutazzjoni ta' jekk il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt ta' servizz pubbliku jistax jiġi kompromess, għandha tieħu kont ta' kriterji predeterminati bħall-impatt fuq il-profitabbiltà ta' kwalunkwe servizz li hu inkluż fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, domanda tal-passiġġieri, prezzijiet tal- biljetti, arranġamenti tal-biljetti, lokalità u numru ta' waqfiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u skeda ta' ħin u frekwenza tas-servizz il-ġdid propost. Abbażi ta' din il-valutazzjoni u tad-deċiżjoni tal-korp regolatorju relevanti, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, jimmodifikaw jew jimpedixxu d-dritt ta' aċċess għas-servizz mixtieq internazzjonali tal-passiġġieri, inkluż it-tqegħid ta' piżijiet fuq l-operatur ta' servizz internazzjonali tal-passiġġieri ġdid, f'konformità mal-analiżi ekonomika u skont il-liġi Komunitarja u l-prinċipji ta' ugwaljanza u non-diskriminazzjoni.

*Premessa 17*

Il-korpi regolatorji nazzjonali għandhom abbażi tal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/14/KE, jagħmlu skambju ta' informazzzjoni u, fejn rilevanti f'każijiet individwali, jikkoordinaw fuq il-prinċipji u l-prattika li jagħmlu valutazzjoni dwar jekk il-bilanċ ekonomiku ta' kuntratt ta' servizz pubbliku huwiex kompromess. Huma għandhom b'mod progressiv jiżviluppaw linji gwida bbażati fuq l-esperjenzi tagħhom.

*Artikolu 10(3)(b)*

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt tal-aċċess definit fil-paragrafu 3(a) dwar servizzi bejn post ta' tluq u ta' destinazzjoni li huma koperti minn kuntratt ta' servizz pubbliku wieħed jew aktar b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ. Tali limitazzjoni jista' ma jkollhiex l-effett li tnaqqas id-dritt li jittellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon li jinsab fuq ir-rotta ta' servizz internazzjonali u li jitniżżlu

f'ieħor inklużi stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru, minbarra fejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku ta' kuntratt ta' servizz pubbliku.

Jekk l-ekwilibriju ekonomiku jkunx kompromess għandu jkun determinat mill-korp jew korpi regolatorju/i relevanti msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE abbażi ta' analiżi ekonomika oġġettiva u abbażi ta' kriterji determinati minn qabel, wara talba minn:

— l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw il-kuntratt ta' servizz pubbliku;

— kwalunkwe awtorità kompetenti oħra interessata bid-dritt li tillimita l-aċċess taħt dan l-Artikolu;

— il-maniġer tal-infrastruttura; jew

— l-impriża ferrovjarja li tkun qed twettaq il-kuntratt ta' servizz pubbliku.

L-awtoritajiet kompetenti u l-impriżi ferrovjarji li jipprovdu s-servizzi pubbliċi għandhom jipprovdu lill-korp jew korpi regolatorju/i rilevanti bl-informazzjoni meħtieġa b'mod raġonevoli biex tinlaħaq deċiżjoni. Il-korp regolatorju għandu jqis l-informazzjoni pprovduta, jikkonsulta l-partijiet rilevanti kollha kif xieraq, u għandu jinforma lill-partijiet rilevanti bid-deċiżjoni raġunata tiegħu fi żmien determinat minn qabel u raġonevoli, u, fi kwalunkwe każ, fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha. Il-korp regolatorju għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u jispeċifika l-perijodu ta' żmien u l-kondizzjonijiet li fihom,

— l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti,

— il-maniġer tal-infrastruttura,

— l-impriża ferrovjarja li qed twettaq il-kuntratt ta' servizz pubbliku, jew

— l-impriża ferrovjarja li qiegħda tfittex aċċess

jistgħu jitolbu l-konsiderazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni.

*Responsabbiltajiet*

L-Artikolu 10(3)(b) jistipula li l-limitar tad-dritt ta' aċċess fuq rotot koperti mill-kuntratti ta' servizz pubbliku, jekk servizzi internazzjonali ġodda jkunu qed jikkompromettu il-bilanċ ekonomiku, hija waħda mill-alternattivi miftuħa għall-Istati Membri, mhux obbligu. Huwa biss jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw din il-possibbiltà li l-korpi reglatorji huma responsabbli biex jiddeterminaw jekk il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti tas-servizz pubbliku huwiex kompromess mis-servizz ferrovjarju l-ġdid. Huma u jagħmlu dan, il-korpi regolatorji għandhom jaġixxu indipendentament. Il-Premessa 14 tagħfas partikolarment fuq kif il-korpi regolatorji għandhom ikunu organizzati sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jeżerċitaw din is-setgħa indipendentament mill-awtoritajiet li jagħtu l-kuntratti ta' servizz pubbliku.

Kull limitazzjoni tad-dritt għall-aċċess mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(3)(b) għandu jirrispetta l-valutazzjoni tal-korp regolatorju. Kif iddikjarat fil-premessa 10, *l-approvazzjoni* mill-korp regolatorju rilevanti huwa prerekwiżit għal-limitazzjoni tad-dritt tal-aċċess mill-Istati Membri. Din l-approvazzjoni tista' tingħata permezz ta' opinjoni vinkolanti li tivvaluta jekk il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti ta' servizz pubbliku huwiex kompromess u li tipproponi miżura speċifika jew bi proċedura ta' kunsens li tiskrutinizza kull abbozz ta' deċiżjoni għal-limitu tad-dritt tal-aċċess.

Il-valutazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-korpi regolatorji għandhom jiġu kkoordinati, fejn rilevanti, fil-każi individwali. Dan japplika partikolarment meta l-kuntratti ta' servizz pubbliku kkonċernati jkunu ta' natura transkonfinali jew, aktar ġeneralment, f'każi fejn ir-restrizzjoni tad-drittijiet tal-kabotaġġ fi Stat Membru jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq il-vijabbiltà ta' servizz ferrovjarju internazzjonali pprovdut fi Stat Membru ieħor. F'dawn iċ-ċirkostanzi, sabiex jintlaħaq fehim komuni tal-qagħda, il-korpi regolatorji kkonċernati għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u l-fehmiet preliminari tagħhom dwar jekk il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratti ta' servizz pubbliku huwiex kompromess u dwar kull limitazzjoni li tista' tkun xierqa. Il-korpi regolatorji għandhom jikkonsultaw lill-kontropartijiet tagħhom tkun xi tkun il-possibbiltà tal-limitazzjoni tad-dritt tal-aċess fuq rotot koperti minn kuntratti ta' servizz pubbliku fl-Istat Membru tal-korp regolatorju kkonsultat.

Lil hinn mill-każijiet speċifiċi msemmija fuq, il-premessa 17 tad-Direttiva 2007/58/KE tisħaq li, abbażi tal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/14/KE, il-korpi regolatorji għandhom sistematikament jiskambjaw l-informazzzjoni dwar ħidmiethom u l-priniċpji u l-prattiki deċiżjonali sabiex progressivament jiżviluppaw linji gwida bbażati fuq l-esperjenza tagħhom.

*Proċess deċiżjonali*

Il-valutazzjoni ta' jekk l-ekwiibriju ekonomiku ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jistax jiġi kompromess hija eżerċizzju li l-korpi regolatorji għandhom ikunu jistgħu jwettqu, irrelevanti jekk ikunx ġie ivverifikat jew le l-għan ewlieni tas-servizz ferrovjarju. Dawn iż-żewġ eżerċizzji jistgħu jitmexxew flimkien, iżda wieħed ma jistax ikun prerekwiżit għall-ieħor.

Kif stipulat fl-Artikolu 10(3)(b), il-valutazzjoni għandha tiskatta minn talba mressqa lill-korp regolatorju rilevanti. Din it-talba tista' ssir esklussivament minn (1) l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li taw il-kuntratt ta' servizz pubbliku kopert mill-valutazzjoni, (2) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra bid-dritt li tillimita l-aċċess għall-infrastruttura kkonċernata, (3) il-maniġer tal-infrastruttura kkonċernata jew (4) l-impriża ferrovjarja li twettaq is-servizz pubbliku li għalih tintalab valutazzjoni. Jekk il-parti li titlob valutazzjoni ma tistax tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex tintlaħaq deċiżjoni jew jekk it-talba ma titressaqx fi żmien raġonevoli, predeterminata mill-korp regolatorju, l-ebda valutazzjoni ma tista' ssir. Il-kalendarju u t-tul ta' proċess bħal dan għandu jqis il-ħtieġa li tiġi pprovduta lill-atturi kollha tas-suq ċertezza ġuridika biżżejjed sabiex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom. Il-proċedura trid tkun kemm jista' jkun sempliċi, effiċjenti u trasparenti u koerenti mal-proċess tal-applikazzjoni għall-allokazzjoni tal-binarju.

Il-korpi regolatorji m'għandhomx iwettqu dawn il-valutazzjonijiet fuq l-inizjattiva tagħhom, iżda biss wara talba minn waħda mill-partijiet interessati msemmija fuq. Il-valutazzjoni mmexxija mill-korp regolatorju għandha tkun limitata għall-punti msemmija fit-talba li tkun saret.

Il-valutazzjoni għandha tkun imsejsa fuq metodu oġġettiv u kriterji predeterminati. Il-korpi regolatorji weħidhom huma responsabbli għall-iżvilupp ta' dan il-metodu, inkluż il-kriterji li japplikaw. Din ir-responsabbiltà ma tistax tiġi mliġġma minn kwalunkwe awtorità pubblika involuta fl-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku jew fl-eżerċizzju tal-kontroll tal-azzjonisti fuq impriża ferrovjarja.

Il-metodu tal-valutazzjoni għandu jiġi stabbilit b'mod konsistenti mal-iżviluppi tas-suq u li jkun jista' jevolvi tul iż-żmien, partikolarment fid-dawl tal-esperjenza tal-korpi regolatorji u sabiex jikkonforma mal-linji gwida komuni stipulati fil-premessa 17.

Il-metodu għandu jikkonsisti minn *analiżi ekonomika* dettaljata. Dan jimplika li l-korpi regolatorji għandhom imexxu valutazzjoni xierqa tal-impatt ekonomiku u finanzjarju tas-servizz ferrovjarju ġdid fuq il-kuntratt ta' servizz pubbliku kkonċernat. Ma tistax għalhekk titqies suffiċjenti applikazzjoni sempliċi ta' limiti prestabbiliti.

Il-valutazzjoni tal-impatt għandha turi jekk l-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt pubbliku huwiex kompromess Dan jimplika li l-identifikazzjoni ta' impatt ikkawżat mis-servizz il-ġdid hija neċessarja iżda mhux biżżejjed fiha nfisha. L-analiżi ekonomika għandha tiddetermina l-medda sa fejn l-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt qed jiġi mliġġem. Lil hinn minn dan, l-impatt għandu jkun attribwibbli speċifikament lis-servizz ferrovjarju l-ġdid u mhux fatturi oħrajn, bħall-klima ekonomika ġenerali. Il-kuntratti tas-servizz pubbliku kkonċernati huma dawk għall-għoti ta' servizzi bejn il-postijiet tat-tluq u d-destinazzjonijiet li qed jaqdi s-servizzi ferrovjarju ġdid propost jew dawk li jkopru servizzi ta' natura simili bejn l-istess postijiet tat-tluq u destinazzjonijiet ipprovduti fuq rotta parallela li tista' tiġi effettwata.

Sabiex ikun żgurat li jiġu osservati l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni, il-proċess deċiżjonali għandu jkun ċar, trasparenti u non-diskriminatorju. Għandu jiġu ppubblikat u jissejjes fuq konsultazzjoni mal-partijiet involuti u skambji ta' informazzjoni ma' korpi regolatorji oħra sabiex jiġi żgurat ambjent ekwu. Id-dettalji tal-metodu jista' jevolvi matul iż-żmien, partikolarment biex jiġu adattati għal-linji gwida komuni żviluppati fid-dawl tal-esperjenza tal-korpi regolatorji.

*Kriterji*

L-analiżi għandha tiffoka fuq l-impatt ekonomiku tas-servizz il-ġdid fuq il-kuntratt ta' servizz pubbliku fis-sħuħija tiegħu, mhux fuq servizzi individwali. Kif imsemmi fil-premessa 12, dan jimplika li jitqiesu (1) il-kosti netti għall-awtorità li tat il-kuntratt u (2) il-profitabbiltà tas-servizzi li qed topera l-impriża ferrovjarja skont il-kuntratt. Is-sempliċi fatt li s-servizz il-ġdid qed jiġi offrut bi prezz aktar baxx milli dawk taħt kuntratt ta' servizz pubbliku jew waqt l-istess perjodu ta' żmien ma jippermettix il-konklużjoni li l-bilanċ ekonomiku ta' dan il-kuntratt ikun kompromess.

Sabiex jiġi determinat l-impatt fuq il-profitabbiltà tal-impriża ferrovjarja u fuq il-kosti netti lill-awtorità rilevanti, il-premessa 12 tissuġġerixxi bosta ħwejjeġ li ta' min jitqiesu: id-domanda tal-passiġġeri, il-prezzijiet tal-biljetti, l-arranġamenti dwar il-ħruġ tal-biljetti, il-post u l-għadd ta' waqfiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u l-ħinijiet u l-frekwenza tas-servizz il-ġdid. Madankollu, il-fatt li jitqiesu dawn il-fatturi ma jgħoddx, fih innifsu, bħala l-analiżi ekonomika meħtieġa mid-Direttiva u mhijiex biżżejjed biex jiġi ddeterminat jekk il-bilanċ ekonomiku huwiex kompromess. Dawn l-aspetti msemmija biss bħala eżempji. Din il-lista mhi la eżawrjenti u lanqas obbligatorja.

Mhux kull impatt fuq kuntratt ta' servizz pubbliku għandu jitqies li jikkomprometti l-bilanċ ekonomiku. Kull impatt limitat jew ta' darba, partikolarment fi ħdan il-marġini speċifikati fil-kuntratt innifsu, m'għandux jitqies bħala "kompromettenti". Il-valutazzjoni għandha turi li qed tiġi effettwata l-vijabbiltà tas-servizzi operati bil-kuntratt tas-servizz pubbliku. Il-bilanċ għandu jitqies kompromess meta jkun jista' jintwera li qed tiġi pperikolata l-fattibbiltà ekonomika tal-operat ta' dawn is-servizzi pubbliċi li qed jipprovdi livell raġonevoli ta' kwalità.

F'dan il-kuntest, ma jkunx biżżejjed li jintwera li d-dħul ta' operatur ġdid fis-suq jista' jwassal għal żieda fil-kontribuzzjoni pubblika. Sabiex titqies bħala li qed tikkomprometti l-ekwiibriju ekonomiku tal-kuntratt ta' servizz pubbliku kkonċernat, kull żieda tali fil-kontribuzzjoni pubblika trid tkun sostanzjali.

Din il-Komunikazzjoni interpretattiva hija bla ħsara għall-obbligu tal-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' traspożizzjoni biex jikkonformaw mad-dipożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/58/KE.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5971 – PPC/Urbaser/JV)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 353/02)

Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5971. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5957 – CD&R Fund VIII/Goldman Sachs/HGI)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 353/03)

Fit-3 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5957. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6002 – Intel/GE/JV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 353/04)

Fit-22 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M6002. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6074 – CEZ/EPH/Mibrag Group)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 353/05)

Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M6074. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5961 – Bertrand Restauration/InBev France/Bars&Co)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 353/06)

Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5961. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta’ dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 353/07)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 8.4.2009 |
| In-numru ta’ referenza tal-għajnuna | N 628/08 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Aide à la protection sociale complémentaire des militaires |
| Il-bażi legali | Article 40 de la loi n<sup>o</sup> 2007-148 du 2 février 2007 de la modernisation de la fonction publique.<br>Projet de décret relatif à la participation de l’État et de ses établissements publics au financement de la protection de militaires. |
| It-tip tal-miżura | Skema ta’ għajnuna |
| L-għan | Appoġġ lill-konsumaturi individwali |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 91 miljun<br>Baġit globali: EUR 13 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta’ żmien | 1.1.2010-31.12.2016 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta’ servizz |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministère de la défense |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/801/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire

(2010/C 353/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/801/PESK [1] li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness imsemmi hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/801/PESK.

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni biex huma jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(1) ĠU L 341, 23.12.2010.

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007**

(2010/C 353/09)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007.

Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti indika l-persuni u l-entitajiet li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8 tal-UNSCR 1718 (2006).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw fi kwalunkwe ħin talba lill-Kumitat tan-NU stabbilit skont il-paragrafu 12 tal-UNSCR 1718 (2006), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjonijiet li huma jiġu inklużi fil-lista tan-NU jiġu kkunsidrati mill-ġdid. Talbiet bħal dawn għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room S-3055 E
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni kkonsulta: http://www.un.org/sc/committees/751/comguide.shtml

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddetermina li l-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-listi tal-persuni u l-entitajiet li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007. Ir-raġunijiet biex jiġu indikati l-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jidhru fl-entrati rilevanti fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill u fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru(i) rilevanti kif indikat fil-websajts fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 329/2007, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni biex huma jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007**

(2010/C 353/10)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Annessi II u III għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fl-Anness V għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-listi tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru(i) rilevanti kif indikat fil-websajts fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 329/2007, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni biex huma jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq qed tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, konformement mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275 (2) u l-Artikolu 263 (4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## **Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

## **It-23 ta' Diċembru 2010**

(2010/C 353/11)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3064 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3049 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 108,95 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3273 |
| DKK | Krona Daniża | 7,453 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1629 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,8482 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7531 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,963 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7069 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2553 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 510,51 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 8,8216 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,837 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,6785 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,39 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,305 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 824,28 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0675 |
| HUF | Forint Ungeriż | 278,43 | PHP | Peso Filippin | 57,703 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 40,0035 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7094 | THB | Baht Tajlandiż | 39,401 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9798 | BRL | Real Brażiljan | 2,2226 |
| RON | Leu Rumen | 4,2888 | MXN | Peso Messikan | 16,1027 |
| TRY | Lira Turka | 2,0302 | INR | Rupi Indjan | 58,97 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

## L-24 ta' Diċembru 2010

(2010/C 353/12)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3099 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3052 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 108,63 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3236 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4527 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1913 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84960 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7508 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,9885 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7025 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2618 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 507,20 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 8,8353 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,8260 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,6807 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3870 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,328 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 842,02 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0548 |
| HUF | Forint Ungeriż | 279,20 | PHP | Peso Filippin | 57,713 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 39,9415 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7094 | THB | Baht Tajlandiż | 39,570 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9655 | BRL | Real Brażiljan | 2,2155 |
| RON | Leu Rumen | 4,2878 | MXN | Peso Messikan | 16,1904 |
| TRY | Lira Turka | 2,0289 | INR | Rupi Indjan | 59,0952 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Is-27 ta' Diċembru 2010**

(2010/C 353/13)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3136 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3113 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 108,89 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3240 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4532 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,2211 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85230 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7569 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,9771 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7095 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2626 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 511,06 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 8,8290 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,8350 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,7102 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3878 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,350 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 866,25 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0656 |
| HUF | Forint Ungeriż | 278,83 | PHP | Peso Filippin | 57,882 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 39,9191 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7092 | THB | Baht Tajlandiż | 39,651 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9763 | BRL | Real Brażiljan | 2,2194 |
| RON | Leu Rumen | 4,2884 | MXN | Peso Messikan | 16,2203 |
| TRY | Lira Turka | 2,0356 | INR | Rupi Indjan | 59,4250 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Konferma tal-wasla – Avviż ta' qabel l-għeluq rigward għadd kbir ta' lmenti rreġistrati taħt ir-referenza Nru CHAP/2010/310 – Għadd kbir ta' ittri dwar ġestjoni kollettiva fi Spanja**

(2010/C 353/14)

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet, u qed tkompli tirċievi, sensiela ta' ittri bbażati fuq formola standard rigward ksur possibbli minn Spanja tal-Artikolu 106, f'rabta mal-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") rigward il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fi Spanja. Il-Kummissjoni Ewropea rreġistrat u se tkompli tirreġistra dawn l-ittri taħt Nru CHAP/2010/310.

Meta wieħed iqis l-għadd kbir ħafna ta' ittri li waslulha dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li tinforma lil dawk kollha kkonċernati filwaqt li tagħmel l-aktar użu ekonomiku possibbli mir-riżorsi amministrattivi li għandha, qed tippubblika l-avviż preżenti fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex tikkonferma l-wasla tal-ittri u tinforma lil kull min bagħathom bir-riżultati tal-eżaminazzjoni tal-ittri mis-servizzi tal-Kummissjoni. Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat ukoll fil-websajt li ġejja tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/community_law/complaints/receipt/index_fr.htm

L-ittri kollha li waslu ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal Rapport mill-Awtorità Spanjola tal-Kompetizzjoni (CNC) bit-titlu "Informe sobre la gestión colectiva de derechos de propiedad intelectual" ta' Diċembru 2009 [1]. B'referenza għar-rapport, l-ittri jitolbu lill-Kummissjoni tiftaħ proċedimenti kontra Spanja għal ksur tal-Artikolu 106, flimkien mal-Artikolu 102 TFUE. Ma tingħata l-ebda informazzjoni aktar fl-ittri.

L-iskop tar-rapport CNC huwa li janalizza s-settur ta' ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur fi Spanja mill-angolu tal-kompetizzjoni, u li jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar modi kif jittejjeb il-qafas leġiżlattiv u biex titħajjar aktar il-kompetizzjoni bejn soċjetajiet kollettriċi. Ir-Rapport jirreferi għal każi ta' possibbiltà ta' mġiba antikompetittiva minn soċjetajiet kollettriċi fi Spanja, li jista' jkun li jaqgħu taħt l-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE (u l-Artikoli 1 u/jew 2 tal-Liġi Spanjola tal-Kompetizzjoni). Madankollu, ma jingħataw l-ebda dettalji fejn tidħol l-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 106 TFUE, peress li din il-kwistjoni taqa' 'l barra mill-ambitu tar-Rapport.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jixtiequ jinfurmaw lil dawk li ppreżentaw l-ilmenti li huma ma għandhomx il-ħsieb li jipproponu lill-Kummissjoni tniedi proċedimenti kontra Spanja abbażi tal-ittri li waslulha. Is-CNC għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet ta' titjib tal-qafas leġiżlattiv sabiex dan ikun jiffavorixxi aktar il-kompetizzjoni bejn is-soċjetajiet kollettriċi. Issa huwa l-kompitu tal-awtoritajiet kompetenti fi Spanja li jeżaminaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jiġbdu l-konklużjonijiet xierqa. Barra minn dan, is-CNC nnifsu bħalissa qed jieħu ħsieb każijiet dwar allegat ksur minn soċjetajiet kollettriċi tal-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE (u/jew id-dispożizzjonijiet ekwivalenti tal-liġi Spanjola). Għaldaqstant, u fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li tgawdi l-Kummissjoni meta tiddeċiedi li tibda' proċedimenti ta' ksur kontra xi Stat Membru skont l-Artikolu 106 TFUE, ma jkunx użu xieraq tar-riżorsi tal-Kummissjoni li tagħmel investigazzjoni abbażi tal-ittri li waslulha.

Dan ma jagħmel l-ebda ħsara għad-dritt ta' dawk li ressqu l-ilmenti milli jissottomettu lmenti oħra lill-awtoritajiet kompetenti jekk jemmnu li s-soċjetajiet tal-ġbir kisru l-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE. Bl-istess mod, ma hemm xejn li jwaqqaf lill-Kummissjoni milli tieħu azzjoni kontra Spanja fi stadju aktar tard, f'każ li tirċievi informazzjoni li tindika li jkun seta' seħħ ksur tal-Artikolu 106 TFUE.

Dawk li jressqu l-ilmenti jistgħu, jekk ikunu jridu, jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-għeluq propost tal-proċedura jew xi aspett ieħor tal-każ li jkunu jqisu xieraq fi żmien tletin jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. Kwalunkwe kumment li jasal wara dan il-perjodu ma jiġix ikkunsidrat.

[1] Jista' jiġi kkonsultat hawnhekk: http://www.cncompetencia.es/Inicio/Informes/Estudios/tabid/228/Default.aspx

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2010/C 353/15)

**Għajnuna Nru:** XA 123/10

**Stati Membri:** Il-Pajjiżi l-Baxxi

**Reġjun:** Provincie Utrecht (Utrecht)

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Pilots duurzaam ondernemen

**Bażi legali:**

Subsidieverordening inrichting landelijk gebied 2006

Besluit subsidiekader ILG-AVP, artikel 3.2.1 Pilots duurzaam ondernemen

Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 – appoġġ tekniku

L-għoti tal-għajnuna inkwistjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati f'paragrafi 2 sa 4 tal-Artikolu 15.

B'mod aktar speċifiku:

— Rigward il-paragrafu 2: l-għajnuna hi mogħtija biss għall-ispejjeż imsemmija f'dan il-paragrafu.

— Rigward il-paragrafu 3: il-perċentwal ta' għajnuna hi inqas minn 100 % tal-ispejjeż tal-proġett. L-għajnuna hi mogħtija lid-ditta ta' konsulenza li tipprovdi s-servizzi lill-produtturi li qegħdin jieħdu sehem. Ghalhekk, is-servizzi ta' konsulenza huma ssussidjati. Ma hemm l-ebda pagamenti finanzjarji diretti lill-produtturi.

— Rigward il-paragrafu 4: il-parteċipazzjoni fil-proġett appoġġjat hi miftuħa għall-produtturi kollha fis-settur u fiż-żona kkonċernati.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Tingħata darba, għajnuna massima ta' EUR 104 103 matul il-perjodu tal-1 ta' April 2010 sal-31 ta' Diċembru 2012.

**Intensità massima tal-għajnuna:** Sa 90 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** It-28 ta' Ġunju 2010, iżda wara l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif imsemmi fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2012.

**Għan tal-għajnuna:**

Tingħata darba għajnuna lill-Bio Fruit Advies B.V għall-introduzzjoni ta' strateġija ħielsa mir-residwi/mit-tniġġis li tiġġieled il-frott mikul bil-kamla f'intrapriżi li jkabbru l-frott fil-Provinċja ta' Utrecht.

Bio Fruit se twettaq l-attivitajiet li ġejjin:

— taħriġ u appoġġ lill-produtturi tal-frott fuq kif jużaw l-istrateġija l-ġdida biex jiġġieldu l-frott mikul bil-kamla;

— torganizza laqgħat ta' gruppi għall-produtturi tal-frott li qed jieħdu sehem;

— tipprovdi informazzjoni fuq żviluppi attwali li huma rilevanti permezz tas-sit elettroniku tagħha;

— tagħmel valutazzjoni tar-riżultati billi teżamina l-intrapriżi li qed jieħdu sehem;

— torganizza laqgħat ta' evalwazzjoni għall-produtturi tal-frott li qed jieħdu sehem;

— tinforma bir-riżultati lill-produtturi oħra tal-frott fil-Provinċja ta' Utrecht.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** L-intrapriżi kollha tal-produtturi tal-frott fil-Provinċja ta' Utrecht.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Provincie Utrecht
Postbus 80300
3508 TH Utrecht
NEDERLAND

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.provincie-utrecht.nl/onderwerpen/landbouw/vitaal-platteland/steunregelingen/#subcontent

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 133/10

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Navarra

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Ayudas a las Agrupaciones de Defensa Sanitaria (ADS) por la realización de programas sanitarios de prevención, lucha y erradicación de enfermedades en vacuno, ovino-caprino, caballar y conejos

**Bażi legali:** Orden Foral de la Consejera de Desarrollo Rural y Medio Ambiente, por la que se establecen las bases reguladoras para la concesión de subvenciones a las Agrupaciones de Defensa Sanitaria por la realización de programas sanitarios de prevención, lucha y erradicación de enfermedades en vacuno, ovino, caballar y conejos, y se aprueba la convocatoria para 2010

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 150 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** Sa 100 %, fl-2010, tan-nefqa mġarrba mill-*Agrupación de Defensa Sanitaria* (Grupp għall-Ħarsien tas-Saħħa tal-Annimali) fl-użu ta' servizzi veterinarji għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tal-identifikazzjoni tat-talba għal eżenzjoni pprovdut fir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fis-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Mill-pubblikazzjoni ta' *Orden Foral* (Ordni Reġjonali) fil-*Boletín Oficial de Navarra* sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** L-għan prinċipali hu li tiġi pprovduta għajnuna lill-produtturi fil-forma ta' servizzi ssussidjati biex jikkumpensaw għall-ispiża tal-prevenzjoni u tal-qerda tal-mard tal-annimali. Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006: Għajnuna kontra l-mard tal-annimali

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Il-produzzjoni u s-saħħa tal-annimali

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Gobierno de Navarra
Departamento de Desarrollo Rural y Medio Ambiente
C/ González Tablas, 7
31005 Pamplona
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.cfnavarra.es/agricultura/COYUNTURA/AyudasEstado/pdfs/STNO10046%20OF.pdf

http://www.cfnavarra.es/agricultura/COYUNTURA/AyudasEstado/pdfs/STNO10046%20OF%20bis.pdf

**Informazzjoni oħra:**

Pamplona, il-21 ta' Lulju 2010

Dirección General de Agricultura y Ganadería
C/ González Tablas, 7
31005 Pamplona
ESPAÑA

Tel. +34 848425780
Posta elettronika: jlizarbc@cfnavarra.es
Gobierno de Navarra

---

**Għajnuna Nru:** XA 151/10

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** Sardegna

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Legge regionale 11 marzo 1998, n. 8, articolo 23 (aiuti per i danni alla produzione agricola). Aiuti per il pagamento di premi assicurativi — (UPB S06.04.006 — CAP. SC06 0971 — SC06.0974) — Direttive regionali.

**Bażi legali:**

L.R. 11 marzo 1998, n. 8, articolo 23

Deliberazione della Giunta regionale n. 26/20 del 6 luglio 2010 recante «Legge regionale 11 marzo 1998, n. 8, articolo 23 (aiuti per i danni alla produzione agricola). Aiuti per il pagamento di premi assicurativi — (UPB S06.04.006 — CAP. SC06 0971 — SC06.0974) — Direttive regionali».

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

EUR 4 000 000 fl-2010

EUR 9 500 000 fl-2011

EUR 9 500 000 fl-2012

EUR 9 500 000 fl-2013

**Intensità massima tal-għajnuna:**

(a) sa 80 % tal-ispejjeż tal-primjum tal-assigurazzjoni fejn il-polza tipprovdi kumpens għal danni li jaqbżu 30 % tal-produzzjoni (poloz li jipprovdu kopertura biss għal telf ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi ħżiena li jistgħu jitqiesu bħala diżastri naturali);

(b) sa 50 % tal-ispejjeż tal-primjum tal-assigurazzjoni fejn il-polza tipprovdi kopertura kontra telf hekk kif issir referenza għaliha fil-punt (a) flimkien ma' telf ieħor ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi ħżiena li ma jistgħux jitqiesu bħala diżastri naturali, u/jew telf ikkawżat minn mard ta' annimali jew pjanti jew infestazzjoni mill-annimali jew insetti li jagħmlu l-ħsara;

(c) sa 100 % tal-ispejjeż speċifiċi tal-primjums tal-assigurazzjoni mħallsa mill-bdiewa għat-tneħħija u l-qerda tal-"annimali mejta" (ara Għajnuna Nru XA 361/07).

**Data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna tapplika b'effett mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** Artikolu 12(2)(a) u (b) u Artikolu 16(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Produzzjoni primarja

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Regione Autonoma della Sardegna
Assessorato dell'agricoltura e riforma agro-pastorale
Via Pessagno 4
09125 Cagliari CA
ITALIA

**Indirizz tal-Internet:**

Delibera del 6 luglio 2010, n. 26/20 (Deċiżjoni Nru 26/20 tas-6 ta' Lulju 2010)

http://www.regione.sardegna.it/documenti/1_106_20100730100756.pdf

Allegato 26/20 (Anness għad-Deċiżjoni Nru 26/20)

http://www.regione.sardegna.it/documenti/1_106_20100730100427.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

*Direttore Servizio sostegno delle imprese agricole e sviluppo delle competenze*

Bianca CARBONI

---

**Għajnuna Nru:** XA 162/10

**Stati Membri:** Il-Ġermanja

**Reġjun:** Bayern

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Richtlinie des Bayerischen Staatsministeriums für Ernährung, Landwirtschaft und Forsten zur Einzelbetrieblichen Investitionsförderung Nr. G 4-7271-7642 Teil C; Bayerisches Bergbauernprogramm — Investitionsförderung (BBP-C)

**Bażi legali:** Richtlinie des Bayerischen Staatsministeriums für Ernährung, Landwirtschaft und Forsten zur Einzelbetrieblichen Investitionsförderung Nr. G 4-7271-7642 Teil C; Bayerisches Bergbauernprogramm — Investitionsförderung (BBP-C)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 4 miljun għal investiment f'azjendi agrikoli skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Intensità massima tal-għajnuna:** Sa 25 %

**Data tal-implimentazzjoni:** Approvazzjonijiet annwali, l-aktar kmieni minn meta l-Kummissjoni Ewropea approvat/eżentat l-għajnuna.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** Sabiex jingħata appoġġ lill-agrikoltura sostenibbli, li tirrispetta l-ambjent, li tħares il-benessri tal-annimali u li tkun multifunzjonali, tista' tingħata għajnuna għall-investiment f'azjendi agrikoli fiż-żona muntanjuża tal-Bavarja u fil-muniċipalitajiet u/jew f'distretti prinċipali taż-żoni agrikoli żvantaġġjati li, bħala medja, jinsabu f'għoli ta' aktar minn 800 m jew li tal-inqas 50 % taż-żoni agrikoli użati tagħhom ikunu f'għoli ta' bejn 600 u 800 m b'inklinazzjoni ta' aktar minn 18 % (= qasam prinċipali b'diffikultajiet kumparabbli tal-biedja). L-għajnuna tikkontribwixxi għall-manteniment tal-agrikoltura fuq medda ta' art kbira kemm jista' jkun fiż-żona muntanjuża u fiż-żona prinċipali b'diffikultajiet kumparabbli tal-biedja, biex tinżamm il-bijodiversità, tinħoloq u tinżamm is-saħħa ekonomika reġjonali u l-iżvilupp fiż-żoni rurali.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Azjendi agrikoli

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Staatliche Führungsakademie für Ernährung, Landwirtschaft und Forsten
Am Lurzenhof 3c
84036 Landshut
DEUTSCHLAND

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.stmelf.bayern.de/agrarpolitik/programme/26373/rili_bbp_teil_c.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 163/10

**Stati Membri:** Spanja

**Reġjun:** Castilla y León

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:**

Subvenciones destinadas a la mejora de las estructuras de producción de las explotaciones agrarias.

Inversiones en obras de regadío y equipos de riego

**Bażi legali:**

Órdenes AYG/759/2010 y AYG/1188/2010 de la Consejería de Agricultura y Ganadería.

Din l-iskema ta' għajnuna hija koperta mill-eżenzjoni stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006, u hija skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-istess Regolament.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 3 000 000

**Intensità massima tal-għajnuna:**

(a) 50 fil-mija fiż-żoni żvantaġġati inklużi fil-listi msemmija fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 tal-Kunsill, jew fejn japplika, fil-listi li għandhom jiġu stabbiliti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 36 paragrafu a) tar-Regolament (KE) Nru 1689/2005 tal-20 ta' Settembru.

(b) 40 fil-mija fil-bqija taż-żoni.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Annwali

**Għan tal-għajnuna:** Titjib fl-effiċjenza fl-irrigazzjoni tal-azjendi agrikoli (frankar fl-użu tal-ilma).

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-settur tal-agrikoltura

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Dirección General de Industrialización y Modernización Agraria
Consejería de Agricultura y Ganadería
C/ Rigoberto Cortejoso, 14
47014 Valladolid
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.jcyl.es/web/jcyl/Gobierno/es/Plantilla100/1262860153335/_/_/_

**Informazzjoni oħra:** —

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6089 – PAI/Hunkemöller)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 353/16)

1. Fis-16 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li biha PAI Partners SAS ("PAI", Franza) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Hunkemöller International BV ("HKM", il-Pajjiżi l-Baxxi) bix-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal PAI: fond ta' ekwità privata,

— għal HKM: Bejgħ bl-imnut ta' tipi differenti ta' ħwejjeġ ta' taħt tan-nisa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6089 – PAI/Hunkemöller, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 353/16 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6089 – PAI/Hunkemöller) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) . . . . . . 22

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT